# IT-TLIET KNEJJES



Meta f'Jannar li għadda kont involut maż-żgħażagħ fil-Wirja ta' Affarijiet Sagri, kienu ħafna dawk in-nies li urew ix-xewqa li jkunu jafu aktar fuq dawn it-tliet knejjes. Għalhekk f'dal-ftit spazju se nipprova ntikom ħjiel fuq dan il-wirt storiku li jinsab fir-raħal żgħir u sabiħ tagħna.

**IL-KNISJA TA' MARIJA ANNUNZJATA**

Din kienet inbniet fl-aktar parti popolata tar-raħal u mill-ewwel ġiet iddedikata lil Marija Annuzjata. Insibu li fil-vista li għamel il-Monsinjur Duzina lil din il-knisja fl-1 ta' Frar 1575 hu jgħid li nbniet fis-seklu 16. Nafu ukoll li l-artal maġġur kien jinsab mal-ħajt ta' wara u dan tressaq għal fejn jinsab illum biex tkun tista' issir sagristija. Kien fiha aktar artali oħra imma dawn tneħħew fuq talba ta' l-isqof għax kienu qed joħolqu konfużjoni. Fiha b'kollox tnax-il qabar li tnejn minnhom huma żgħar biex fihom kien isir id-dfin tat-trabi.

**Il-KNISJA TA' SAN ANARD**

Aktarx li din il-knisja nbniet bejn is-snin 1575 u 1601. Fil-vista li l-Isqof Gargallo għamel fl-4 ta' Diċembru 1601 isemmi din il-knisja li tinsab fiċ-ċimiterju tal-knisja ta' l-Annunzjata u kellha artal wieħed li kien iddedikata lil dan il-qaddis. Din il-knisja kienet tmiss eżatt ma' dik tal-Lunzjata u kien hemm bieb biex wieħed setgħa jgħaddi minn waħda għall-oħra. L-Isqof Labini fil-vista tiegħu fis-6 ta' Mejju 1804 iddikjara li din il-knisja kienet ipprofanata. Kien f'dan iż-żmien meta din l-knisja inbidlet f'dar residenzjali u għada hekk sal-lum.



**Il-KNISJA TA' SANTU ROKKU**

Insibu li din il-knisja nbniet minn flus il-Balzanin bħala wegħda li għamlu lil dan l-istess qaddis jekk huma jiġu meħlusin mill-marda tal-pesta li dak iż-żmien kienet ħakmet lill-gżejjer Maltin. Mas-saqaf insibu minquxa din l-iskrizzjoni li tgħid M.S.S. Hoc opus fecit 1593. Fiha nsibu l-artal wieħed iddedikat lil dan l-istess qaddis. Meta fl-1983 kien qed isir xi restawr f'din il-knisja u bdew iqaxxru t-tibjid mal-ħajt bdew jitfaċċaw diversi graffiti li juru xwieni ta' l-Ordni ta' San Ġwann, idejn, slaleb ta' kull daqs u għamla u diversi sinjali oħra. Nafu ukoll li z-zuntier li hemm quddiem dawn it-tlett knejjes kien jintuża ukoll



bħala ċimiterju u fl-1673 ittella' dak is-salib quddiem il-knisja tal-Annunzjata biex ma baqax jintuża għad-dfin. Fis-26 ta' Settembru ta' l-istess sena l-Isqof Lorenzo ordna li l-katavri jittieħdu fil-knisja parrokjali l-ġdida din li għandna illum. Nittama li lkoll kemm aħna nkomplu nieħdu ħsieb dan il-wirt li ħallew missierjietna.







IGH WAY

**HIGHWAY SERVICES LTD**

**317, NAXXAR ROAD, BALZAN**

**TELEPHONE: 2144 1296**

**FAX: 2149 2961**

Cables: Highway Malta.
Automatice & Commercial Parts